



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 17 ta' Mejju 2024
(OR. en)

9774/24

LIMITE

ENER 221
ENV 503
CLIMA 197

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Il-Komunikazzjoni REPowerEU: quo vadis? = Skambju ta' fehmiet

Bil-ħsieb tal-Kunsill Trasport, Telekomunikazzjoni u Enerġija tat-30 ta' Mejju 2024, id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness id-dokument ta' diskussjoni tal-Presidenza dwar is-suġġett imsemmi hawn fuq.

Wara l-aggressjoni militari mhux provokata u mhux ġustifikata tar-Russja kontra l-Ukrajna, fl-10 u l-11 ta' Marzu 2022, il-Kapijiet ta' Stat u ta' Gvern tal-UE adottaw dikjarazzjoni f'Versailles¹ li tistabbilixxi l-oġġettiv li ġej: "li malajr kemm jista' jkun intemmu d-dipendenza tal-UE fuq l-importazzjonijiet Russi tal-gass, taż-żejt u tal-faħam". Fil-kuntest ta' kriżi enerġetika mingħajr preċedent fl-UE li, fix-xhur li segwew, kellha effett drammatiku fuq is-sigurtà tal-enerġija tal-UE u wasslet għal żidiet qawwija fil-prezzijiet tal-enerġija madwar il-kontinent, il-mexxejja tal-UE stiednu lill-Kummissjoni tipproponi pjan REPowerEU biex, b'mod partikolari, a) jiġi aċċellerat it-tnaqqis tad-dipendenza ġenerali tal-UE fuq il-fjuwils fossili, filwaqt li jitqiesu ċ-ċirkostanzi nazzjonali u l-għażliet tal-Istati Membri fejn tidħol it-taħlita tal-enerġija tagħhom; b) jiġu diversifikati l-provvisti u r-rotot tagħna; c) ikompli jiġi żviluppat suq tal-idroġenu għall-Ewropa; d) jitħaffef l-iżvilupp ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli u jitħaffu l-proċeduri ta' awtorizzazzjoni biex jiġu aċċellerati l-proġetti tal-enerġija; e) jitlestew u jittejbu l-interkonnessjonijiet Ewropej tal-gass u tal-elettriku; f) jissaħħaħ l-ippjanar ta' kontinġenza tal-UE għas-sigurtà tal-provvista u g) tittejjeb l-effiċjenza enerġetika. Il-mexxejja tal-UE indikaw ukoll il-ħtieġa li tiġi intensifikata l-ħidma bil-ħsieb li a) jiġu żgurati livelli suffiċjenti ta' ħżin tal-gass, b) jiġi mmonitorjat u ottimizzat il-funzjonament tas-suq tal-elettriku; c) jiġi dirett l-investment ikkoordinat fis-sistemi tal-enerġija u d) tittejjeb il-konnettività mal-viċinat immedjat tal-UE.

F'Mejju 2022, il-Kummissjoni adottat il-pjan REPowerEU², bi tliet oġġettivi ewlenin: i) l-iffrankar tal-enerġija; ii) il-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli u iii) id-diversifikazzjoni tal-provvisti tal-enerġija tal-UE. L-għan aħħari tal-pjan tal-Kummissjoni huwa li tiġi eliminata gradwalment id-dipendenza fuq l-importazzjonijiet tal-fjuwils fossili Russi sa mhux aktar tard mill-2027³. Il-pjan REPowerEU, mibni fuq il-Patt Ekoloġiku Ewropew, flimkien mar-regolamenti ta' emerġenza tal-Kunsill kienu l-għodod ewlenin tal-Ewropa biex tiddiversifika lil hinn mill-importazzjonijiet tal-enerġija Russa, u għalhekk ipprova mod kif noħorġu mill-kriżi. B'rabta ma' dan, il-pjan REPowerEU żviluppa miżuri fuq terminu qasir biex inaqqas il-konsum tal-enerġija, stabbilixxa qafas b'saħħtu fit-tul biex tiżdied l-effiċjenza enerġetika lejn l-2030, u aċċellera l-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli bil-ħsieb li tissaħħaħ is-sigurtà tal-enerġija tal-UE u tiġi

¹ 20220311-versailles-declaration-mt.pdf (europa.eu)

² COM(2022) 230 final. <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=COM%3A2022%3A230%3AFIN>

³ https://eur-lex.europa.eu/resource.html?uri=cellar:b27b8b93-725d-11ee-9220-01aa75ed71a1.0009.02/DOC_1&format=PDF

dekarbonizzata l-ekonomija tal-UE. Minbarra l-miżuri strutturali mressqa fil-kuntest tar-REPowerEU, ġew adottati wkoll għadd ta' regolamenti ta' emerġenza temporanji u eċċezzjonali.

B'segwitu għall-pjan REPowerEU, il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri naqqsu b'mod sinifikanti jew eliminaw gradwalment l-importazzjonijiet tal-gass, taż-żejt u tal-faħam Russu, filwaqt li xi wħud eliminaw gradwalment ukoll id-dipendenza fuq il-fjuwil nukleari jew l-elettriku mir-Russja.

B'kollox, il-konsumaturi Ewropej irnexxielhom jiffrankaw 125.2 biljun metru kubu (bcm) ta' gass, bid-domanda għall-gass naturali tonqos b'aktar minn 18 % fil-perjodu bejn Awwissu 2022 u Marzu 2024. Matul dawn l-aħħar sentejn, l-UE rnexxielha wkoll tiżgura li l-faċilitajiet tal-ħżin tal-gass jimtlew sa livelli suffiċjenti għaċ-ċittadini u l-industrija u li jiġu evitati blackouts u skarsezzi ta' enerġija. Biex tikkumpensa għat-tnaqqis sinifikanti fl-importazzjonijiet tal-gass Russu (li naqsu minn 45 % tal-importazzjonijiet globali tal-gass tal-UE fl-2021 għal 24 % fl-2022 u għal 15 % fl-2023), l-UE espandiet il-provvista tal-gass tagħha minn fornituri internazzjonali oħra, prinċipalment in-Norveġja u l-Istati Uniti. Il-Pjattaforma tal-Enerġija tal-UE, immedija mill-Kummissjoni Ewropea f'Diċembru 2022, kellha rwol fl-isforzi konġunti ta' diversifikazzjoni tal-UE. Il-mekkaniżmu ta' aggregazzjoni tad-domanda stabbilit fil-qafas tal-Pjattaforma tal-Enerġija tal-UE f'April 2023 ikkontribwixxa għall-mili tal-ħżin tal-gass qabel l-istaġun tax-xitwa 2023-2024. REPowerEU wassal ukoll għal aċċellerazzjoni fit-tnedija ta' proġetti tal-enerġija rinnovabbli u fl-isforzi għall-effiċjenza enerġetika. L-istimi tal-industrija⁴ jindikaw li l-kapaċità installata tar-riħ u tax-xemx żdiedet b'36 % b'mod kumulattiv bejn l-2021 u l-2023, u b'hekk ġew iffrankati madwar 24 bcm ta' gass fuq sentejn. F'termini ta' effiċjenza enerġetika, il-konsum finali tal-enerġija naqas għal 940 Mtoe fl-2022, li jikkorrispondi għal tnaqqis ta' 2.8 % meta mqabbel mal-2021. Aktar inizjattivi bħall-Pjan ta' Azzjoni tal-UE għall-Grilji⁵, il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar l-Enerġija mir-Riħ⁶, l-Istrateġija tal-UE dwar l-Enerġija Solari⁷, miżuri ġodda ta' awtorizzazzjoni, il-Karta dwar l-Enerġija mir-Riħ u mix-Xemx u l-istabbiliment tal-Koalizzjoni Ewropea għall-Finanzjament tal-Effiċjenza Enerġetika qed jappoġġaw l-ilħuq malajr tal-oġettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, billi jaġixxu ta' faċilitaturi kruċjali tat-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa. Biex jiġu ffinanzjati l-investimenti meħtieġa, ġew mobilizzati madwar EUR 300 biljun għall-implimentazzjoni tal-pjan REPowerEU, l-aktar permezz tar-Regolament dwar il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reziljenza⁸.

⁴ Sorsi: Eurostat, WindEurope, Solar Power Europe

⁵ COM(2023) 757

⁶ COM(2023) 669

⁷ COM(2022) 221

⁸ ir-Regolament (UE) 2021/241

Hekk kif **REPowerEU** qed jiċċelebra t-tieni anniversarju tiegħu, il-Kummissjoni ppubblikat rapport online li jqis l-implimentazzjoni tar-REPowerEU, inklużi skedi informattivi speċifiċi għal pajjiż, u ħarġet gwida konkreta addizzjonali, b'mod partikolari mmirata lejn l-aċċellerazzjoni ulterjuri tal-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli madwar il-kontinent u t-tnaqqis tal-importazzjonijiet tal-fjuwils fossili Russi. B'mod partikolari, il-Kummissjoni adottat sensiela ta' rakkomandazzjonijiet u dokumenti ta' gwida ġodda u aġġornati biex ittejjeb u tissimplifika l-proċeduri għall-għoti ta' permessi u l-irkanti għas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli.

Sentejn mill-adozzjoni tar-REPowerEU, sar ċar li, filwaqt li l-importazzjonijiet tal-UE tal-fjuwils Russi naqsu drastikament, l-UE rnexxielha tippreserva s-sigurtà tal-enerġija tagħha. Abbażi tat-tagħlimiet meħuda mill-kriżi tal-enerġija, u b'kont meħud tal-effetti negattivi u xi drabi xekkiela li l-kriżi tal-enerġija kellha fuq iċ-ċittadini u l-industrija Ewropej, ser ikunu meħtieġa aktar sforzi fis-snin li ġejjin biex tiżdied ir-reżiljenza tal-UE u tal-Istati Membri għall-użu tal-enerġija bħala arma minn reġimi barranin, il-preservazzjoni u t-tisħiħ tas-sigurtà tal-enerġija u l-istabbilizzazzjoni tal-prezzijiet. Barra minn hekk, it-tnaqqis tad-dipendenza strutturali tal-Ewropa fuq l-importazzjonijiet tal-enerġija Russa ser jaffettwa b'mod sostanzjali l-ekonomija tal-gwerra tar-Russja u jallinja ruħu mal-appoġġ sod tal-UE għall-Ukrajna u i-ċittadini tagħha.

F'dan il-kuntest, il-Presidenza Belġjana tixtieq titlob lid-Delegazzjonijiet il-fehmiet tagħhom dwar iż-żewġ aspetti li ġejjin:

- 1. X'inhuma l-ostakli li qed tiltaqgħu magħhom fl-eliminazzjoni gradwali tal-importazzjonijiet tal-enerġija Russi, skont l-ispirtu tad-Dikjarazzjoni ta' Versailles u l-pjan REPowerEU sussegwenti?**
- 2. X'inizjattivi addizzjonali għandhom jitnedew biex jappoġġaw lill-UE u lill-Istati Membri tagħha fl-isforzi tagħna biex neliminaw gradwalment id-dipendenza fuq il-fjuwils fossili Russi malajr kemm jista' jkun?**